# 1954 – Għeluq il-Mitt Sena mid-Domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni

**Carmen Lia** B.Ed. (Hons.), B.A.

Id-Domma tal-Kunċizzjoni magħrufa bħala *Ineffabilis Dei* ġiet imħabbra lill-umanità mill-Papa Piju IX nhar it-8 ta' Diċembru 1854. L-istess Papa hekk iddefinixxa l-Konċepiment ta' Marija:

*Għall-glorja tat-Trinità Mqaddsa l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, bis-setgħa ta' Ġesù Kristu, ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl, u tagħna – niddikjaraw, nordnaw u niddefenixxu bħala verità magħrufa li l-Verġni Mqaddsa Marija, bi privileġġ singolari u bil-grazzja ta' Alla, għall-merti ta' Ġesù Kristu, Feddej tal-bnedmin, sa mill-bidu tal-konċepiment tagħha ġiet imħarsa minn kull tebgħa tad-dnub tan-nisel.*



*Papa Piju IX – il-Papa ta' l-Immakulata.*

L-1904 kien jaħbat il-ħamsin sena mid-Domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. F'dik is-sena kienet saret statwa kulur id-deheb li tqiegħdet fil-faċċata tal-knisja ta' Santa Barbara, il-Belt Valletta, int u dieħel fi Triq ir-Repubblika fuq in-naħa tal-lemin.

Għall-poplu Mqabbi, l-Enċiklika tal-Q.T. il-Papa Piju XII li biha ħabbar il-ftuħ tas-sena Marjana fl-1954 kienet bħal sufarell li ħeġġeġ il-qalb ta' kulħadd. B'din l-Enċiklika l-Imqabbin fehmu li kien qorob il-waqt għaċ-ċelebrazzjoni tal-festi Ċentinarji tad-Domma ta' l-Immakulata. F'din is-sena Marjana l-Gvern Malti stampa sett bolol speċjali *ad futuram rei memoriam* u li kienu ta' tliet valuri, jiġifieri l-griżi kienu tax-xelin, il-koħol tat-tliet soldi u l-ħodor tas-sold u nofs. Waħda mill-bolol kellha l-figura tal-Madonna tal-Kunċizzjoni li tinsab f'Bormla. Bil-ħruġ ta' dawn il-bolol, is-sabiħa u devota xbiha tal-Madonna Inkurunata ta' Bormla kienet ċirkulata mad-dinja kollha. F'dik l-istess sena Marjana eluf ta' pellegrini marru jinvistaw din ix-xbiha tal-Madonna taħt is-sabiħ titlu tal-Kunċizzjoni Immakulata.

## L-1954

L-antenati tagħna fl-1954 qdew dmirhom u ċċelebraw b'mod solenni l-ewwel Ċentinarju minn din id-Domma tant għażiża għalina. Għal din l-okkażjoni kienu saru festi speċjali fl-Imqabba.

Il-festa tal-Madonna tal-Ġilju f'din is-sena saret il-Ħadd 16 ta' Mejju. Ma setax jonqos li l-festa ssir bil-kbir u għalhekk il-festi bdew mill-Erbgħa 12 ta' Mejju. Is-Sibt f'lejlet il-festa, jiġifieri fil-15 ta' Mejju, fit-tmienja ta' bil-lejl il-Banda Queen Vicotria taż-Żurrieq daqqet marċijiet mat-toroq ewlenin tar-raħal u wara kien hemm programm mużikali. Fil-11 ta' bil-lejl kien hemm logħob tan-nar.

Il-Ħadd, jum il-festa, f'nofsinhar, kien hemm il-marċijiet tradizzjonali mat-toroq tar-raħal mill-Banda Lily ta' l-Imqabba. Fl-4.30 ta' filgħaxija saru l-marċijiet u programmi mill-Baned l-Unjoni ta' Ħal Luqa u Konti Ruġġieru tar-Rabat.

Bħala festi ta' ġewwa, il-Ħadd, f'jum il-festa, fis-6.30 ta' filgħodu kien hemm mattutin. Fit-8.30 ta' filgħodu kien hemm it-Terza, Quddiesa Kantata bil-paneġierku minn Patri Fidiel minn Għawdex OFM Cap. Wara l-quddiesa saret il-purċissjoni tat-Terza u ngħatat il-Barka Sagramentali. Fil-ħamsa ta' filgħaxija beda l-għasar solenni, purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju, Antifona u Barka Sagramentali. Il-funzjonijiet ta' nhar il-festa saru mill-Patrijiet Dumnikani. Il-mużika kienet immexxija mis-Surmast Frank Diacono.

Il-festa li saret impressjonat lil ħafna nies tant li deħru diversi ittri f'ġurnali ta' dak iż-żmien. F'din is-sena kienu żżanżnu diversi affarijiet fosthom il-bradella tal-Madonna tal-Ġilju li kienet tfarrket f'attakk mill-għadu fuq il-knisja fid-9 ta' April 1942 kif ukoll is-sandli tad-deheb għall-



IL-MADONNA TAL-ĠILJU

Il-Belt.

Sur Editur,

Kull min kien preżenti għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju, l-Imqabba, ma setax ikun li ma baqax impressjonat b'dawk il-ħafna opri li saru dis-sena fil-vara ta' din il-Madonna.

Nixtieq ngħid li dis-sena ġiet imżanżna bradella li nħadmet b'sengħa u ħila, kif ukoll dijadema tad-deheb, lussuża ħafna, bi stillarju bid-djamanti. Il-Madonna ġiet ukoll imżejna b'sandli tad-deheb sabiħ ferm imżewwaq b'fosos irqaq tad-djamanti, ukoll fiimkien ma' girlanda ta' fjuri jlema bħalhom.

Jien għalhekk nixtieq nagħti kelmtejn ta' tifħir lill-Wisq Rev. Dun Ġużepp Xuereb talli ħabrek kemm felaħ, kif ukoll lil dawk il-benefatturi u partitarji kollha li għenu kemm setgħu halli jżejnu mill-aħjar il-vara tal-Madonna tal-Ġilju.

GAUDIENSIS.

*Il-Berqa – il-Ġimgħa 4 ta' Ġunju, 1954*

Madonna tal-Ġilju. Iżżanżnet ukoll girlanda ta' fjuri liema bħalha.

## Bradella

Peress li l-bradella l-antika tkissret fl-1942, l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju kienet bdiet tkun armata fuq kaxxa ta' l-injam miksija bi drapp aħmar. Għalhekk għal diversi snin kienet inħasset il-ħtieġa li ssir bradella ġdida. Ix-xewqa ta' ħafna nies inqatgħet meta l-bradella żżanżnet fl-1954. Ir-rikors sabiex issir din il-bradella jġib id-data 3 ta' Diċembru 1952 u l-permess għaliha ngħata mill-Kurja Arċiveskovili fl-10 ta' Diċembru 1952.

Il-bradella li nħadmet minn Emmanuel Buhagiar minn Ħal Tarxien kienet turi sengħa u ħila u nħadmet fi żmien meta minħabba xjuħitu saħħtu kienet bdiet tonqos. Fil-fatt ta' min jgħid li Dun Ġużepp kien ta' kuljum jitla' biex iwassal lil Emmanuel Buhagiar mid-dar sal-garaxx biex ikun jista' jkompli x-xogħol fuq il-bradella.

## Dijadema tad-Deheb

Inħaddmet ukoll dijadema tad-deheb, lussuża ħafna, bi stillarju bid-djamanti.

## Gastri tal-Fjuretti

Dawn il-gastri tal-fjuretti ġew mogħtija minn Frenċ Saliba (ta' Mona), Ġużeppi (ta' Frenċ), Dun Ġużepp Xuereb u l-flus għall-gastra l-oħra ġew ikkommissjonati mill-poplu Mqabbi. Fl-istess sena żżanżnu wkoll il-forċini ta' l-istess bradella, id-dijadema, il-bankun tas-salib, is-salib tal-kleru kif ukoll il-lanterni.

Matul is-sena saru diversi attivitajiet.
Il-Ħamis 3 ta' Gunju 1954 filgħaxija l-Italian Circle ta' l-Istitut Kulturali Malti ikkommemora l-ewwel centinarju tad-Domma tal-Kunċizzjoni Immakulata fil-Hotel Phenicia. Il-Kelliema kienu Dr Pellegrini, id-Direttur tal-M.C.I., DR E. Magri, Patri Fiorini O.F.M. Conv., Patri A. Scerri O.E.S.A. u s-sur A. Farrugia.

Rikors Vol. 3/446

A Sua Umile domanda del Sac.
Giuseppe Xuereb
Proc. V. Conf. Imm. Concezione
Di Micabiba.

Il ricorrente riverentemente espone, che prima della Guerra la V. Statua dell'Immaculata Concezione venerata nella Chiesa Parrocchiale di Micabiba si esponeva in chiesa durante la festa su una ricca pradella ornate di scultura ed intarsia, e che disgraziamente ando' distrutta durante la Guerra.

Che gia' da dieci anni ormai la V. Statue si espone in chiesa sun una cassa di legno qualunque, coperta da una stoffa rossa onde coprirse la miseria e la indecenza della stesa cassa.

Che il pubblico ormai desidera far costruire una predella decente e degna da porvi sopra l'artistica statua.

Che annesso alla presente domanda trovasi il designo della predetta fotografo.

Il ricorrente pertanto prega Vostra Eccellenza Reverendissima voler concedergli il permesso di far sotruire la suddetta predella a dar inizio al lavoro.

Sac. Giuseppe Xuereb.

Presentato in duplicato il 3 dicembre 1952.
Dato 10 dicembre 1952.

A Sua Eccellenza Illustrissima e Reverendissima
Mons. Michele Gonzi D.D. etc. etc.
Metropolita della Provincia Maltese
Arcivescovo di Malta
Umile domanda del Sac. Giuseppe Xuereb
della Micabiba.

Espone reverentemente che alla Micabiba nella chiesetta figliale dedicata alla Madre Addolorata, giuspatronato di Sir Filippo Pullicino, c'e' una nicchia vuota di circa 5 piedi di altezza all'esterno della faccata, esattamente sulla porta d'ingresso.

Che un benefattore Signor Francesco Saliba desidera far fare una statua dell'Addolorata, di cui annetto il facsimile e collocarla nella nicchia suddetta per commemorare il centenario del domma dell'Immacolata.

Che l'esecuzione della progettata statua in pietra nostrale sara' affidata alla scultore Marco Montebello.

L'oratore pertanto, qual curatore della suddetta chiesetta, prega umilmente Vostra Eccellenza Reverendissima a voler concedergli il permesso di far eseguire la suddetta statua.

Sac. Giuseppe Xuereb.
Presentato il 9 dicembru 1985.
Mifsud Cancellere.

Dato della Curia Arcivescovili Malta il 9 dicembre 1953.

Suppliche No. 713. Vol. 4.
598-693.

## Sandli tad-Deheb tal-Madonna tal-Ġilju

Opra oħra li żgur li wieħed ma jistax jinsa huwa s-sandli tad-deheb tal-Madonna li wkoll sar wara ħidma u insistenza minn Dun Ġużepp Xuereb. Dan is-sandli tad-deheb sabiħ ferm imżewwaq f'fosos irqaq tad-djamanti wkoll. Wieħed ma jistax ma jsemmix ma' dan kollu l-bosta insistenzi fuq affarijiet oħra għall-ġid tal-parroċċa kollha.

## Poeżija

Il-festi kbar li saru fl-Imqabba fl-1954 kienu jinkludu inizjattiva oħra sabiħa ferm. Inkitbet poeżija speċjali għall-Imqabba u li ġiet ippubblikata f'dik l-istess sena fl-okkażjoni tal-festi li saru ġewwa l-Imqabba biex ifakkru l-festa Ċentinarja tad-Domma tal-Kunċizzjoni. Il-poeżija miktuba minn Dun Frans Camilleri, li għandu wkoll konnessjoni mas-Soċjetà Mużikali tal-Ġilju peress li huwa l-kittieb ta' l-Innu lill-Madonna tal-Ġilju u wkoll kellu parentela fl-Imqabba peress li kien kuġin ta' Carmelo Camilleri magħruf bħala *Ix-Xewkija*, ingħatat l-approvazzjoni tal-Knisja fl-24 ta' April 1954 u ħarġet fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju ta' dik is-sena jiġifieri fis-16 ta' Mejju 1954.

## Statwa f'Niċċa fil-Knisja tad-Duluri

Forsi ftit jafu dwar l-istatwa li saret f'din is-sena. Fil-kappella tad-Duluri mal-faċċata fuq il-bieb prinċipali hemm niċċa ta' madwar ħames piedi għoli u li f'dawk iż-żminijiet kienet ilha vojta, mingħajr ebda statwa ġewwa fiha. Għalhekk kien instab bħala benefattur ċertu Francesco Saliba li kien xtaq jagħmel statwa tal-Madonna Addolorata għal din in-niċċa u dan f'għeluq iċ-ċentinarju tad-domma

O MARIJA
INT L-UNUR TAL-POPLU TAGĦNA

*Il-logo uffiċjali li kien intuża fil-festi ċentinarji tad-Domma, 50 sena ilu.*

## LILL-MADONNA TAL-ĠILJU
### FIL-FESTA TAĊ-ĊENTINARJU TAD-DOMMA TAL-KUNĊIZZJONI IMMAKULATA FL-IMQABBA FIS-16 TA' MEJJU 1954

F'dik ħarstek ħanina,
F'dak ismek sabiħ
Int tiġbor, Marija,
Kull ħlewwa, kull ġieħ.

Intfew quddiem ġmielek
In-nisa twajbin
Li b'għerfhom u ġmielhom
Issaħħru l-bnedmin!

Magħżula mis-Sema,.
Bħal ġilju Int ftaħt
Fil-bjuda, fis-safa,
U 'l artna fewwaħt.

Imnissla bla tebgħa
Kif għoġbu l-Mulej,
Kif jixraq, o Mbierka,
Lil Omm il-Feddej.

Hekk sbejħa, hekk safja,
B'kull ġmiel ta' virtù
Biex tkun tempju mqaddes
Ta' Ibnek Ġesù.

Bil-grazzja mimlija
Lil Ibnek nissilt:
Għelibt lin-natura
Li stagħġbet b'dal-wild.

Fik nisġa sabiħa
Ta' kobor, ta' ġmiel,
Li minnha, Madonna,
Biss nifhmu xi ħjiel.

Imbierka sejjaħlek
L-Arkanġlu, mas-sliem.
Imbierka l-ġnus kollha
Jsejħulek sat-tmiem!

Ja Xbejba, Omm Alla,
Omm tagħna l-bnedmin,
Kif nistgħu mingħajrek
Inkunu ħenjin!

Berikna, Omm ħelwa,
Ismagħna fit-talb,
Ħarisna, o Madonna,
Ngħidulek bil-qalb!

**Dun Frans Camilleri**

NIHIL OBSTAT
Datum Melitae, die 24 Aprilis 1954
Fr. Bernardus Mallia Hamrun O.F.M. Cap.
Censor Theol.



*Dun Ġużepp Xuereb.*

ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Ix-xogħol tagħha kien sar minn Marco Montebello.

## Dun Ġużepp Xuereb

Ma tistax issemmi l-festi Ċentinarji ta' l-1954 u ma ssemmix lil Dun Ġużepp Xuereb. Huwa ma naqasx biex insista li fis-sena 1954 jagħmel il-festa speċjali. Ħaseb ukoll biex iżanżan opri ġodda fosthom il-bradella u l-astri tal-fjuretti li s-Soċjetà għadha tuża sa llum. Ħafa kliem ta' tifħir mar għal Dun Ġużepp talli kien ħabrek kemm felaħ. Ċertu *Gaudiensis* f'ġurnal lokali, *kellu ħafna kliem ta' tifħir għall-W.R. Dun Ġużepp Xuereb u għal ħafna benefatturi u partitarji li ħadmu ferm dak iż-żmien.* Dun Ġużepp miet fit-2 ta' Frar 1976 fl-għomor ta' 81 sena.

## Programm mill-Banda Lily

Għall-festi ta' barra saru f'Bormla u li bdew f'Lulju 1954, il-Banda Lily ta' l-Imqabba għamlet programm mużikali fl-istess post fil-25 ta' Lulju.


# Victor's Take Away
**Bar, Restaurant, Cafeteria**

*Specialising in Fresh Fish, Maltese Food & Parties*

**Dun Ġużepp Zammit Str., Żurrieq • Tel: 2164 1033 • Mob: 9947 4249**

*(Next to Bus Terminus and near the Żurrieq School)*

Noffru servizz lill-każini f'dak li hu kiri ta' platti, kikkri, frieket, skieken, eċċ...
Inbid Home made bi prezz speċjali għal BBQs u attivitajiet oħra. (Fliexken jew Ġarar)

# James Green
**Funeral Service**

"Green House', St. Catherine Street, Qrendi
Tel: 2164 2738, 2164 2508, 2164 7791
Mobile: 9949 4880, 9949 7959